# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.

Appell Nru. 30/2002

Il-Pulizija
(Spettur C. Micallef)

Vs

Ronald Apap

Seduta tal-Hamis 11 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1) fit-3 t'Awissu ghall-habta tad-9.20 p.m. fil-Gzira saq vettura bin-numru FBY 760 b'manjiera traskurata;
2) kif ukoll waqt li kien jahdem ta' bus driver bl-imsemmija bus tar-rotta wera nuqqas ta' rispett lejn il-passigieri;
3) u aktar talli rrifjuta li jobdi l-ordni legittima moghtija lilu minn Ufficjal tal-Awtorita' dwar it-trasport pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Frar, 2002 li biha wara li rat l-Artikoli 15 (1)(a)(2) u 18(2) tal-Kapitolu 65 u wara li semghet ix-xhieda prodotta, u qieset illi kien hemm zewg versjonijiet u dik tal-Prosekuzzjoni hija aktar vero simili stante illi EO 22 xehed illi kien ghad fadal post ghal erba' passiggieri u l-appellant skuza ruhu quddiem PC 450, EO 5 u EO 22 li kien ciar u konciz fix-xhieda tieghu; l-appellant ma' kienx, sabet lill-appellant Ronald Apap hati ta' kif akkuzat u kkundannatu ghall-multa ta' sittin lira Maltin (LM60) u xahar sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellant minnhu pprezentat fil-11 ta' Frar, 2002 li bih talab li din il-Qorti, joghgobha tirrevedi s-sentenza moghtija, billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah mill-imputazzjonijiet u htija skond il-Ligi.Rat illi l-aggravji principali tal-appellant , fil-qosor , huma s-segwenti , u cioe' li hu f' ebda mument ma saq il-bus tal-linja b'manjiera traskurata , tant li hu hass li ma kienx prudenti li jsuq bin-numru ta' passiggieri li kellu fuq il-bus dak il-hin ; illi f' ebda mument ma wera' dizrispett lejn il-passiggieri u li hu kien oggezzjona li mara tpoggi fuq il-bank tal-gemb ghar-raguni li kienet ser tostakolalu il-vizwali mill-mera tax-xellug ; illi ma kellu ebda problema bil-passiggieri l-ohra , u li il-piena inflitta hi eccessiva.

Semghet ix-xiehda mill-gdid fil-kors tas-seduta tat-30 ta' Mejju, 2002 ;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli Difensur tal-Appellant fl-istess seduta ;

Ikkunsidrat ,

Illi mill-provi mismugha minn din il-Qorti , irrizulta li l-incident in ezami gara fit-3 t'Awwissu, 2001 f'xid-9.20 p.m. , u beda jizvolgi ruhu fil-Gzira meta l-appellant , bhala xufier tal-karozza tal-linja numru FBY-760 , irrifjuta li mara anzjana tpoggi fuq is-seat li hemm mall-gemb ta' quddiem tal-bus , magemb l-istess driver u dana minkejja li l-Enforcement Officer tal-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku kien idderigiha biex toqghod bil-qeghda hemmhekk , ghax fuq il-bus ma kienx hemm postijiet ohra bilqeghda .

Di fatti skond l-Enforcement Officer, Gaetano Sammut , kienu telghu zewg nisa anzjani u meta hu kien qal lil wahda minnhom biex tpoggi fis-seat jew bank ta' magemb id-driver , li hu post fejn jistghu ipoggu il-passiggieri , l-appellant - li hu gharaf fl-awla - ma riedhiex tpoggi hemm. Beda jargumenta u sadattant ic-charabanc beda sejjer 'l hawn u 'l hinn u addirittura waqaf f'nofs it-triq u qallu li ma riedx isuq u meta l-Enforcement Officer ordnalu biex ikompli isuq u jzomm mohhu fuq is-sewqan , injorah , ma obdiehx u baqa' jargumenta b'hafna paroli zejda. Meta kien staqsa lill-appellant ghala ma riedx li in-nisa ipoggu hemm kien qal li dawn ma riedux ihallsu mentri ix-xjuh riedu ihallsu u ghax il-bus ta' qablu ma kienx ghabbihom hu .Xehed ukoll li iz-zewg nisa bezghu , tant li wahda minnhom spiccat ma poggietx bil-qeghda u l-ohra , wara li qalilha biex tisma' minnu , poggiet . Meta ra dan kollu, l-Enforcement Officer cempel bil-mobile phone il-Vagun barra City Gate fejn talab li l-Pulizija li jkunu stazzjonati hemm ikunu ghal-lest biex jinterevjenu meta l-bus jasal il-Belt. Meta waslu l-Belt , il-Pulizija u huma nizzlu lill-appellant il-Vagun . Wara umbaghad l-appellant kien skuza ruhu maz-zewg nisa

L-Enforcement Officer Carmelo Muscat xehed li fid-data u hin in kwistjoni kienu ircevew telefonata mix-xhud precedenti li talab l-assistenza u ghalhekk kienu hargu hu u P.C. 450 meta il-bus wasal il-Belt. L-appellant beda jghajjat u jiftah idejh u huma nizzluh il-Vagun . Umbaghad, wara hafna ghajjat qiesu ikkalma u qalilhom : "Zbaljajt."

P.C. 450 Joseph Borda xehed li meta hu kien stazzjonat City Gate fil-jum in kwistjoni, kien cempel l-Enforcement Officer Sammut u rraporta li l-appellant kien aggressiv ma zewg passiggieri anzjani . Meta wasal il-bus il-Belt , huma nizzlu lill-appellant, li hu gharaf prezenti fl-awla , fl-ufficcju u dan , ghall-ewwel ,beda jghajjat u ma ammettiex umbaghad qal li zbalja u li kien nervuz .

L-appellant xehed li hu kien sewwieq tal-bus tal-linja fuq ir-rotta 62 gej minn San Giljan ghall-Belt u kellu l-bus mimlija . Tela' l-Enforcement Officer u qallu "Kompli ghabbi." Telghet mara ta' xi 35 sena mhux xiha u riedet toqghod fuq is-seat fejn hemm il-mera u hu qalilha li hemm ma setghetx toqghod ghax tghattilu l-mera u ma setax isuq hekk.

Illi mill-provi mismugha din il-Qorti ma ghandhiex raguni biex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti u zgur li ma jistax jintqal li l-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti kienet wahda "unsafe and unsatisfactory" fuq il-provi li anki irrizultaw quddiem din il-Qorti. L-ewwel Qorti kellha kull dritt li taccetta il-versjoni tal-Enforcement Officer Gaetan Sammut bhala wahda aktar attendibbli minn dik tal-appellant u ghalhekk dil-Qorti ma thossx li ghandha tvarjha .

Illi dwar il-piena , din bla ebda mod ma hija wahda esagerata jew tohrog barra mill-parametri tal-ligi u l-ewwel Qorti x'aktarx kienet konsapevoli mill-fatt li tali incidenti minn minoranza ferm zghira tax-xuffiera tal-buses tal-linja mhux biss jikkostitwixxu ksur tal-ligijiet tal-pajjiz imma

jaghtu isem hazin lis-servizz tat-trasport pubbliku u lill-maggoranza tad-drivers li jwettqu xogholhom sew u b-diligenza , kortesija u pacenzja , u ghalhekk riedet li il-piena , ghalkemm mhux wahda harxa jew eccessiva , tkun fl-istess waqt ta' deterrent ghall-agir simili fil-futur kemm mill-appellant u kif ukoll minn ohrajn tal-istess temperament .

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata .

Joseph G. Galea Debono .
11.07.02.